MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 292/2008

**A B C u**
**D E f'isimha proprju u a nom ta' bintha l-minuri F H C G**

**-vs-**

**I G**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B C, fejn dan ippremetta:

Illi l-attur A B C kellu relazzjoni mal-attrici D E;

Illi l-attur kellu tifla ma' l-istess attrici. Din it-tifla twieldet fit-8 ta' Gunju tas-sena 2008 (Vide Certifikat tat-Twelid hawn anness u immarkat bhala Dok. 'A'). L-attur jsostni illi huwa l-missier naturali u bijologiku ta' F H bint D E;

Illi l-attrici E u l-konvenut G kienu sseparaw legalment fil-21 ta' Novembru 2007 u dan jirrizulta ukoll mill-att ta' twelid tal-minuri F H anness ma' dan ir-rikors. Il-konjugi kienu ilhom separati de facto anke minn qabel id-data ufficjali tas-separazzjoni;

Illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, minhabba l-presunzjoni li tezisti fil-ligi, ma setghax jnizzel lill-attur bhala l-missier tal-minuri F H fuq l-Att tat-twelid in kwistjoni;

Illi, hekk kif se jkollu l-opportunita' illi jipprova l-attur fit-trattazzjoni tal-kawza odjerna, il-konvenut kien fl-impossibilita' illi jkun il-missier naturali tal-minuri stante illi huwa ma kellu l-ebda kuntatt mal-konvenuta.

Ghaldaqstant, ighid l-attur ghaliex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Onorabbli Qorti thoss li ghandha taghti fic-cirkostanzi, tiddikjara illi l-konvenut I G m'huwiex il-missier naturali tal-minuri F H;

2. Tiddikjara illi l-attur A B C huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri F H;

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-twelid bin-numru *ommissis* u dana billi fil-kolonna fejn jidher l-isem u l-kunjom u post ta' twelid tal-Missier, l-isem I G (Alexandria, Egypt) jigi issostitwit bl-isem A B C (Lagos, Nigeria), kif ukoll fil-kolonna fejn jidher l-isem tal-wild titnehha l-kelma 'G' u tigi sostitwita bil-kunjom 'A';

4. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, fejn dan eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jintlaqghu jehtieg li r-rikorrenti jispecifikaw id-dettalji personali kollha ta’ l-allegat missier naturali u cioe’ tar-rikorrent stess A B C sabiex dawn id-dettalji jkunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni. Inoltre, jekk it-talbiet kif dedotti fir-rikors jintlaqghu jehtieg li l-kunjom tal-minuri jigi korrett.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, jehtieg li r-rikorrenti jipprovaw l-impossibilita’ fizika bejn il-konjugi u cioe’ bejn ir-rikorrenti D E u bejn l-intimat I G.

4. Illi ghandha ssir id-debita publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti stante li jirrizulta li r-registrazzjoni saret skond il-ligi.

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, l-intimat I G ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet lix-xhieda.

Rat id-dokumenti esibiti.

Ikkunsidrat illi t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati kemm mix-xhieda prodotta kif ukoll mir-rizultati tal-ezamijiet xjentifici li saru.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna li fic-certifikat tat-twelid Nru. 1962 tas-sena 2008 isiru l-korrezzjonijiet mehtiega senjatament dawk elenkati fin-nota a fol. 44 u 45 tal-process.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------